DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1666

tas-6 ta' Novembru 2018

li taħtar żewġ membri u ħames membri supplenti, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Portugiż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sur António BRAGANÇA FERNANDES u tas-Sur Luís GOMES, saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sur Francisco LOPES, tas-Sinjura Isaura MORAIS, tas-Sur Américo PEREIRA, tas-Sur António PEREIRA and tas-Sur Aníbal REIS COSTA saru vakanti s-siġġijiet ta' ħames membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membri:

— Is-Sur Ricardo Bruno ANTUNES MACHADO RIO, *Presidente da Câmara de Braga*,

— Is-Sur Aires Henrique DO COUTO PEREIRA, *Presidente da Câmara da Póvoa de Varzim*,

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sinjura Berta FERREIRA MILHEIRO NUNES, *Presidente da Câmara de Alfândega da Fé*,

— Is-Sur Pedro Miguel César RIBEIRO, *Presidente da Câmara de Almeirim*,

— Is-Sur Hélder António GUERRA DE SOUSA E SILVA, *Presidente da Câmara de Mafra*,

— Is-Sur Rui Miguel DA SILVA ANDRÉ, *Presidente da Câmara de Monchique*,

— Is-Sur Carlos SILVA SANTIAGO, *Presidente da Câmara de Sernancelhe*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).